31998R2785

23.12.1998 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 347/21

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2785/98

tat-22 ta' Diċembru 1998

dwar il-modifikazzjoni tal-perjodu ta' awtorizzazzjonijiet ta' addittivi li għalihom jirreferi l-Artikolu 9e(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 dwar l-additivi fl-għalf [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 98/19/KE [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 9j u 3 tagħha,

Billi d-Direttiva 70/524/KEE tipprovdi li addittivi ġodda jew l-użi ta' addittivi jista' jiġi awtorizzat, fil-waqt li jingħata kont ta' l-avvanzi fl-għerf xjentifiku u tekniku;

Billi awtorizzazzjoni provviżorja ta' addittivi ġodda jew l-użu ta' addittivi tista' tingħata għal perjodu ta' ħames snin, jekk, fil-livell permess fil-għalf, ma jkollhomx effett ħażin fuq is-saħħa tal-bniedmin u ta' l-annimali, jew ta' l-ambjent, lanqas li jagħmlu ħsara lill-konsumatur billi jbiddlu l-karatteristiċi tal-prodott tal-bhejjem, jekk il-presenza tagħhom fil-għalf tista' tiġi kontrollata, u jkun raġonevoli li wieħed jassumi, minħabba r-riżultati disponibbli, li jkollhom effett favorevoli fuq il-karatteristiċi ta' dak il-għalf jew fuq il-produzzjoni tal-bhejjem meta inkorporati f'dak il-għalf;

Billi r-riċerka fl-addittivi differenti li għalihom jirreferi l-Artikolu 9e(3) tad-Direttiva70/524/KEE li tkun tista' tiġi provviżorjament awtorizzata fil-livell nazzjonali sat-30 ta' Novembru 1998 għadha ma nntemmitx; billi, għalhekk il-perjodu ta' awtorizzazzjoni ta' dawn is-sustanzi għandu jkun imtawwal fil-waqt li jagħti kont illi l-perijodu ta' awtorizzazzjoni provviżorja ta' dawn l-addittivi ma jistax jeċċedi l-ħames snin;

Billi l-Kummissjoni konsultat mal-Kumitat Xjentifiku tat-tmigħ ta' l-annimali dwar l-awtorizzazzjoni tal-mikro-organiżmi inklużi fl-Anness li jinsab mar-Regolament preżenti; billi dan il-Kumitat ta l-opinjoni b'mod partikolari fir-rigward tas-sigurezza ta' dawn l-addittivi;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-addittivi li għalihom jirreferi l-Anness li jinsab ma' dan ir-Regolament jistgħu jiġu awtorizzati skond id-Direttiva 70/524/KEE taħt il-kundizzjonijiet imniżżla f'dan l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jkun japplika mill-1 ta' Diċembru 1998.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Diċembru 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 270, ta' l-14.12.1970, p. 1.
[2] ĠU L 96, tat-28.3.1998, p. 39.

ANNESS

Sustanza li tgħaqqad, aġenti kontra t-tgħaqqid u koagulanti

Numru tar-reġistrazzjoni	Additttiv	Deskrizzjoni tal-formola kimika	Sġeċi jew kategorija ta' l-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Disposizzjonijiet ohra	Limitu ta' l-awtorizzazzjoni
					mg/kg ta' għalf shiħ			
2	Natrolite-phonolite	Taħlita naturali ta' silikati ta' aluminuju, alkalini u alkaline-earth u aluminium hydro-silicates, natrolite (43 to 46,5 %) u feldspar	L-ispeċi u l-kategoriji kollha ta' l-annimali			25 000	L-għalf kollu	21.4.1999 (1)

Mikro -organiżmi

Numru tar-reġistrazzjoni	Additttiv	Deskrizzjoni tal-formola kimika	Speċji jew kategorija ta' l-annimal	Età massima	CFU/kg ta' għalf shiħ		Disposizzjonijiet ohra	Limitu ta' l-awtorizzazzjoni
					Minimu	Massimu		
1	*Bacillus cereus* var. *toyoi* (CNCMI-1012/NCIB 40112)	Preparazzjonijiet ta' *Bacillus cereus* var. *toyoi* li jkun fih minimu ta' 1010 CFU/g additttiv	Majjali żgħar	xahrejn	10^9	10^9	–	21.4.1999 (1)
				4 xhur	$0,5 \times 10^9$	10^9	–	21.4.1999 (1)
			Majjali	6 xhur	$0,2 \times 10^9$	10^9	–	21.4.1999 (1)
			Qżieqeż	–	$0,5 \times 10^9$	2×10^9	–	21.4.1999 (1)
2	*Bacillus licheniformis* (DSM 5749)/*Bacillus subtilis* (DSM 5750) (in a 1/1 ratio)	Taħlita ta' *Bacillus licheniformis* u *Bacillus subtilis* li jkun fiha minimu ta' $3,2 \times 10^9$ CFU/g addi-ttiv ($1,6 \times 10^9$ CFU/g ta' kull batterja)	Majjali żgħar	4 xhur	$1,28 \times 10^9$	$3,2 \times 10^9$	–	17.7.1999 (2)
3	*Saccharomyces cerevisiae* (NCYC Sc 47)	Preparazzjoni ta' *Saccharomyces cerevisiae* li jkun fiha minimu ta' 5×10^9 CFU/g additttiv	Bhejjem għas-simna	–	4×10^9	8×10^9	Indika fl-istruzzjonijiet għall-użu: "Il-kwantità ta' *Saccharomyces cerevisiae* fir-razzjon ta' kuljum m'għandux jeċċedi $2,5 \times 10^{10}$ CFU għal kull 100 kg tal-piż ta' l-annimal"	20.2.2001 (3)

Numru tar-reġistrazzjoni	Additttiv	Deskrizzjoni tal-formola kimika	Speċji jew kategorija ta' l-annimal	Età massima	CFU/kg ta' għalf shiħ		Dispożizzjonijiet oħra	Limitu ta' l-awtorizzazzjoni
					Minimu	Massimu		
4	*Bacillus cereus* (ATCC 14893/CIP 5832)	Preparazzjoni ta' *Bacillus cereus* li jkun fiha minimu ta' 10^{10} CFU/g additttiv	Fniek għas-simna	–	$0,5 \times 10^9$	2×10^9	–	20.2.2001 (3)
			Fniek għat-tgħammir	–	$0,5 \times 10^9$	2×10^9	–	20.2.2001 (3)

(1) L-ewwel awtorizzazzjoni 22 ta' April 1994, id-Direttiva tal-Kummissjoni 94/17/KE (ĠU L 105, 26. 4. 1994, pġ. 19).
(2) L-ewwel awtorizzazzjoni 18 ta' Lulju 1994, id-Direttiva tal-Kummissjoni 94/41/KE (ĠU L 209, 12. 8. 1994, pġ. 18).
(3) L-ewwel awtorizzazzjoni 21 ta' Frar 1996, id-Direttiva tal-Kummissjoni 96/7/KE (ĠU L 51, 1. 3. 1996, pġ. 45).

Sustanzi li jaqgħdu Radionuclide

1. Sustanzi li jaqgħdu radjuattivi caesium (^{137}Cs and ^{134}Cs):

Numru tar-reġistrazzjoni	Additttiv	Deskrizzjoni tal-formola kimika	Speċi jew kategorija ta' l-annimal	Età massima	Kontentut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Limitu ta' awtorizzazzjoni
					mg/kg ta' għalf shiħ			
1.1	Ferric (III) ammonium hexacyanoferrat e (II)	$NH_4Fe(III)(Fe(II)(CN)_6)$	Ruminanti (domestiċi u slavaġ)	–	50	500	Indika fl-istruzzjonijiet għall-użu: "Il-kwantità ta' Ferric (III) ammonium hexacyanoferrate (II) fir-razzjon ta' kuljum għandha tkun bejn l-10 u l-150 mg għal kull 10 kg ta' piż ta' l-annimal"	13.10.2001 (1)
			Għoġġiela qabel il-bidu tar-ruminazzjoni	–	50	500	Indika fl-istruzzjonijiet għall-użu: "Il-kwantità ta' Ferric (III) ammoniumhexa-cyanoferrate (II) fir-razzjon ta' kuljum għandha tkun bejn l-10 u l-150 mg għal kull 10 kg tal-piż ta' l-annimal"	13.10.2001 (1)
			Ħrief qabel il-bidu tar-ruminazzjoni	–	50	500	Indika fl-istruzzjonijiet għall-użu: "Il-kwantità ta' Ferric (III) ammoniumhexa-cyanoferrate (II) fir-razzjon ta' kuljum għandha tkun bejn l-10 u l-50 mg għal kull 10 kg ta' piż ta' l-annimal"	13.10.2001 (1)

Numru tar-reġistrazzjoni	Additttiv	Deskrizzjoni tal-formola kimika	Speċi jew kategorija ta' l-annimal	Età massima	Kontentut minimu	Kontenut massimu	Disposizzjonijiet oħra	Limitu ta' awtorizzazzjoni
					mg/kg ta' għalf shih			
			Gidjien qabel il-bidu tar-ruminazzjoni	–	50	500	Indika fl-istruzzjonijiet għall-użu: "Il-kwantità ta' Ferric (III) ammoniumhexacyanoferrate (II) fir-razzjon ta' kuljum għandha tkun bejn l-10 u l-50 mg għal kull 10 kg ta' piż ta' l-annimal"	13.10.2001 (1)
			Majjali (domestiċi u slavaġ)	–	50	500	Indika fl-istruzzjonijiet għall-użu: "Il-kwantità ta' Ferric (III) ammoniumhexacyanoferrate (II) fir-razzjon ta' kuljum għandha tkun bejn l-10 u l-50 mg għal kull 10 kg ta' piż ta' l-annimal"	13.10.2001 (1)

(1) L-ewwel awtorizzazzjoni 14 ta' Ottubru 1996, id-Direttiva tal-Kummissjoni 96/66/KE (ĠU L 272, 25. 10. 1996, pġ. 32)